Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 298

Volum 62

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

19 ta' Novembru 2019

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1920 tat-18 ta' Novembru 2019 li jikkonferixxi l-protezzjoni skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-isem "Ambt Delden" (DOP)** 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1921 tat-18 ta' Novembru 2019 li jikkoreġi l-verżjoni tal-lingwa Daniża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 873/2011 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** 3

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2019/1922 tat-18 ta' Novembru 2019 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi, il-punt 13 tal-parti III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, fir-rigward tal-aluminju** ([1]) 5

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1923 tat-18 ta' Novembru 2019 dwar l-istandards armonizzati għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** 8

Rettifika

★ **Rettifika tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1870 tas-7 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' aċidu eruċiku u ċjanur tal-idroġenu f'ċerti oġġetti tal-ikel** (ĠU L 289, 8.11.2019) 12

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1920

tat-18 ta' Novembru 2019

li jikkonferixxi l-protezzjoni skont l-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq l-isem "Ambt Delden" (DOP)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 99 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 97(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni li bagħat in-Netherlands fit-12 ta' Frar 2016 biex l-isem "Ambt Delden" jiġi rreġistrat bħala denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP), u ppubblikaha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]).

(2) Fit-8 ta' Mejju 2018, waslet oġġezzjoni mill-Ministeru tal-Agrikoltura Taljan f'konformità mal-Artikoli 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u 14 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009 ([3]). Il-Kummissjoni qieset li l-oġġezzjoni kienet ammissibbli skont l-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009.

(3) Bl-ittra tal-5 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni bagħtet din l-oġġezzjoni lill-awtoritajiet Netherlandiżi u stednithom jibgħatu l-kummenti tagħhom fi żmien xahrejn f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009. In-Netherlands bagħat l-osservazzjonijiet tiegħu fl-iskadenza meħtieġa, fl-4 ta' Settembru 2018.

(4) Kif previst fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009, bl-ittra tat-2 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni bagħtet l-osservazzjonijieti tal-awtoritajiet Netherlandiżi lil min oġġezzjona, il-Ministeru tal-Agrikoltura Taljan, li ngħata xahrejn biex jibgħat il-kummenti li jista' jkollu. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda reazzjoni oħra mill-Ministeru tal-Agrikoltura Taljan.

(5) Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddeċiedi dwar dan abbażi tal-evidenza li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha.

(6) Min joġġezzjona jsostni li ċerti varjetajiet ta' dwieli użati għall-produzzjoni ta' "Ambt Delden", jiġifieri "Souvignier Gris B", "Pinotin N", "Solaris B", "Regent N" u "Johanniter B", huma miksuba mill-inkroċjar bejn l-ispeċi Vitis vinifera ma' speċijiet oħrajn tal-ġenus Vitis. Min joġġezzjona huwa tal-opinjoni li dan huwa f'kontradizzjoni ċara mal-Artikolu 93(1)(a)(iv) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistipula li l-inbejjed tad-DOP għandhom jiġu prodotti minn varjetajiet ta' dwieli li jappartjenu għall-ispeċi Vitis vinifera. Isostni wkoll li l-Istati Membri kollha, bħall-Italja, jistgħu jikklassifikaw il-varjetajiet tagħhom ta' għeneb tal-inbid (kemm dawk li jappartjenu għall-ispeċi Vitis vinifera u varjetajiet imħallta) fuq il-bażi ta' evidenza xjentifika u *data* preċiżi u li f'ebda każ tista' varjetà miksuba minn interspeċi inkroċjata titqies li tappartjeni għall-ispeċi Vitis vinifera.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU C 100, 16.3.2018, p. 14.
([3]) ĠU L 193, 24.7.2009, p. 60.

(7) Il-Kummissjoni vvalutat l-argumenti li bagħat min oġġezzjona u dawk li bagħat l-applikant, u kkonkludiet li jenħtieġ li l-isem "Ambt Delden" jiġi rreġistrat bħala denominazzjoni ta' oriġini protetta għar-raġunijiet li ġejjin.

(8) Diversi elementi jridu jitqiesu b'rabta mal-allegazzjonijiet li l-prodott mhux ġej minn varjetajiet tal-għeneb li huma varjetajiet li jappartjenu għall-ispeċi *Vitis vinifera*. L-ewwel nett, fil-livell tal-UE ma hemm l-ebda klassifikazzjoni armonizzata ta' varjetajiet tal-għeneb li jappartjenu għall-ispeċi *Vitis vinifera*. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda lista ta' referenza jew dokument xjentifiku disponibbli mingħand korp kompetenti uffiċjali, bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid (l-OIV), li bħalissa jippermetti li wieħed jikklassifika speċi bħala varjetà tal-ispeċi *Vitis vinifera* jew bħala inkroċjar tal-ispeċi *Vitis vinifera* ma' speċijiet oħrajn tal-ġenus *Vitis*, jew li wieħed jiddistingwi bejniethom mingħajr ebda dubju. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-kwistjoni tad-definizzjoni xjentifika tiġi ttrattata b'mod ewlieni fil-valutazzjoni nazzjonali preliminari li l-Istati Membri jwettqu f'konformità mal-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013. Għal dan il-għan, in-Netherlands jiddependi fuq il-klassifikazzjoni inkluża fil-Katalgu tal-Varjetajiet Internazzjonali tal-Vitis (VIVC) ([4]), fejn il-ħames varjetajiet ta' għeneb tal-inbid ikkonċernati kollha huma kklassifikati bħala tal-ispeċi *Vitis vinifera*. It-tieni nett, skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009 dwar l-iskrutinju ta' oġġezzjoni, il-Kummissjoni trid tiddeċiedi li tirrifjuta jew li tirreġistra d-denominazzjoni tal-oriġini abbażi tal-evidenza li jkollha għad-dispożizzjoni tagħha. F'dan il-każ min qed joġġezzjona jirreferi għar-reġistru nazzjonali Ġermaniż tal-varjetajiet tad-dwieli miżmuma mill-Bundessortenamt (Uffiċċju Federali għall-Varjetajiet ta' Pjanti) u għall-informazzjoni fil-VIVC li tindika li l-ħames varjetajiet kollha użati għall-produzzjoni tal-inbid "Ambt Delden" ġew maħluqa bl-użu ta' ċertu livell ta' inkroċjar bejn speċijiet differenti tal-ġenus Vitis. Madankollu, dan ma jimpedixxix is-sit web tal-VIVC milli jikklassifika dawn il-ħames varjetajiet bħala Vitis vinifera. Fl-aħħar nett, meta tieħu d-deċiżjonijiet tagħha, il-Kummissjoni trid tqis il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li bħalissa l-varjetajiet tal-għeneb tal-inbid ikkonċernati jintużaw fil-produzzjoni ta' nbejjed b'Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta f'diversi Stati Membri.

(9) Minħabba r-raġunijiet mogħtija hawn fuq, wieħed ma jistax jikkonkludi li l-prodott imsejjaħ "Ambt Delden" ġej minn varjetajiet tal-għeneb li mhumiex varjetajiet tal-ispeċi Vitis vinifera. Għalhekk l-oġġezzjonijiet li saru abbażi ta' dan iridu jiġu rrifjutati.

(10) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u f'konformità mal-Artikolu 99 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-Kummissjoni tqis li l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament u li jenħtieġ li l-isem "Ambt Delden" jiġi protett u jiddaħħal fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 104 ta' dak ir-Regolament.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "Ambt Delden" (DOP) b'dan huwa protett.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

([4]) Il-Katalgu tal-Varjetajiet Internazzjonali tal-Vitis (VIVC) huwa bażi ta' *data* ta' diversi speċijiet u varjetajiet/kultivari tad-dwieli, tal-ġenus Vitis. Il-VIVC huwa amministrat mill-Istitut tal-Geilweilerhof għat-tkabbir tal-speċijiet tal-għeneb (Institut für Rebenzüchtung Geilweilerhof) f'Siebodingen, il-Ġermanja, u fiha informazzjoni minn kollezzjonijiet tad-dwieli li jeżistu f'diversi istituti ta' vitikultura madwar id-dinja. Minn April 2009, l-informazzjoni fil-bażi ta' *data* ġabret flimkien informazzjoni minn 130 istituzzjoni li jinsabu f'45 pajjiż, u fiha madwar 18 000 entrata.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1921

tat-18 ta' Novembru 2019

li jikkoreġi l-verżjoni tal-lingwa Daniża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 873/2011 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]),u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni tal-lingwa Daniża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 873/2011 ([2]) fiha l-iżbalji fit-tabella tal-Anness fir-rigward ta' kategorija ta' prodotti u minħabba f'hekk qed jinbidel il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

(2) Il-verżjoni tal-lingwa Daniża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 873/2011 għalhekk jenħtieġ li tiġi kkoreġuta kif xieraq. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.

(3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

(ma japplikax għal-lingwa Maltija)

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 873/2011 tas-27 ta' Lulju 2011 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda (ĠU L 227, 2.9.2011, p. 5).

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1922

tat-18 ta' Novembru 2019

li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi, il-punt 13 tal-parti III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli, fir-rigward tal-aluminju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 46(1)(b) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/48/KE tistabbilixxi l-limiti ta' migrazzjoni għall-aluminju mill-ġugarelli jew mill-komponenti tal-ġugarelli. Bħalissa, il-limiti ta' migrazzjoni għall-aluminju huma 5 625 mg/kg għal materjal tal-ġugarelli niexef, fraġli, flessibbli jew f'għamla ta' trab, 1 406 mg/kg għal materjal tal-ġugarelli likwidu jew li jwaħħal u 70 000 mg/kg għal materjal tal-ġugarelli li jkun inbarax minn fuqu.

(2) Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti (SCHEER) irrieżamina d-*data* disponibbli dwar it-tossiċità tal-aluminju, filwaqt li qies il-livelli differenti tollerabbli ta' doża għall-aluminju stabbiliti mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel fl-2008 ([2]) u mill-Kumitat Espert Konġunt tal-FAO/WHO dwar l-Addittivi tal-Ikel fl-2011 ([3]). Fl-Opinjoni finali tiegħu dwar id-doża tollerabbli tal-aluminju fir-rigward tal-adattament tal-limiti ta' migrazzjoni għall-aluminju fil-ġugarelli ("Final opinion on tolerable intake of aluminium with regard to adapting the migration limits for aluminium in toys"), adottata fit-28 ta' Settembru 2017, ix-SCHEER ikkunsidra doża tollerabbli ta' kuljum (TDI) ta' 0,3 mg/kg tal-piż tal-ġisem kuljum bħala bażi xierqa għar-reviżjoni tal-limiti ta' migrazzjoni għall-aluminju mill-ġugarelli.

(3) Peress li t-tfal huma esposti għall-aluminju anki permezz ta' sorsi oħra minbarra l-ġugarelli, jenħtieġ li ċertu perċentwal tat-TDI biss jiġi allokat għall-esponiment mill-ġugarelli meta jiġu kkalkulati l-limiti. Il-kontribut massimu mill-ġugarelli fid-doża ta' kuljum irrakkomandata mill-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent, fl-opinjoni tiegħu tal-2004 ([4]) hija ta' 10 %. Fl-2010, dan il-perċentwal ġie kkonfermat mill-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u għall-Ambjent fl-opinjoni tiegħu dwar ir-riskju mis-sustanzi CMR organiċi fil-ġugarelli ("Risk from organic CMR substances in toys" ([5])) u fl-opinjoni tiegħu dwar l-evalwazzjoni tal-limiti ta' migrazzjoni għall-elementi kimiċi fil-ġugarelli ("Evaluation of the migration limits for chemical elements in toys" ([6])).

([1]) ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1.

([2]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), Safety of aluminium from dietary intake - Scientific Opinion of the Panel on Food Additives, Flavourings, Processing AIDS and Food Contact Materials (AFC). Opinjoni adottata fit-22 ta' Mejju 2008. *EFSA Journal* (2008) 754, p. 1-34.
http://www.efsa.europa.eu/sites/default/files/scientific_output/files/main_documents/754.pdf

([3]) WHO (2011) Technical Report 966 – Evaluation of certain food additives and contaminants. 74th report of the Joint FAO/WHO Expert Committee on Food Additives. p. 16.
http://apps.who.int/iris/bitstream/10665/44788/1/WHO_TRS_966_eng.pdf

([4]) Il-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent (CSTEE). Opinjoni dwar il-valutazzjoni tal-bijodisponibbiltà ta'ċerti elementi fil-ġugarelli ("Assessment of the bioavailability of certain elements in toys"). Adottata fit-22 ta' Ġunju 2004.
http://ec.europa.eu/health/archive/ph_risk/committees/sct/documents/out235_en.pdf

([5]) Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u għall-Ambjent (SCHER). Opinjoni dwar ir-riskju mis-sustanzi CMR organiċi fil-ġugarelli ("Risk from organic CMR substances in toys"). Adottata fit-18 ta' Mejju 2010.

([6]) Il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u għall-Ambjent (SCHER). Opinjoni dwar l-evalwazzjoni tal-limiti ta' migrazzjoni għall-elementi kimiċi fil-ġugarelli ("Evaluation of the migration limits for chemical elements in Toys"). Adottata fl-1 ta' Lulju 2010.

(4) Ix-SCHEER applika 10 % tat-TDI, immultiplikat bil-piż medju ta' wild taħt it-tliet snin (stmat għal 7,5 kg) u diviż bil-kwantità ta' kuljum ta' materjal tal-ġugarelli li jinbela'. Dik il-kwantità ġiet smata għal 100 mg/jum għal materjal tal-ġugarelli niexef, fraġli, flessibbli jew f'għamla ta' trab, 400 mg/jum għal materjal tal-ġugarelli likwidu jew li jwaħħal u 8 mg/jum għal materjal tal-ġugarelli li jkun inbarax minn fuqu. Abbażi ta' dak il-kalkolu, ix-SCHEER ippropona limiti ta' migrazzjoni riveduti għall-aluminju ta' 2 250 mg/kg għal materjal tal-ġugarelli niexef, fraġli, flessibbli jew f'għamla ta' trab, 560 mg/kg għal materjal tal-ġugarelli likwidu jew li jwaħħal u 28 130 mg/kg għal materjal tal-ġugarelli li jkun inbarax minn fuqu ("il-limiti ta' migrazzjoni proposti").

(5) Il-konformità mal-limiti ta' migrazzjoni proposti tista' tiġi vverifikata bil-metodu ta' ttestjar stipulat fl-istandard Ewropew EN 71-3:2013+A3:2018, li r-referenza tiegħu ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([7]). Il-limiti ta' migrazzjoni proposti jistgħu jiġu infurzati faċilment, minħabba li huma bosta eluf ta' drabi ogħla mill-aktar konċentrazzjoni baxxa li tista' tiġi kkwantifikata b'mod affidabbli bil-metodu ta' ttestjar stabbilit fl-istandard ([8]).

(6) Sabiex jagħtiha pariri fit-tħejjija tal-proposti leġiżlattivi u tal-inizjattivi tal-politika fil-qasam tas-sikurezza tal-ġugarelli, il-Kummissjoni stabbiliet il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli ([9]). Il-missjoni tas-sottogrupp tagħha l-Grupp ta' Ħidma dwar is-sustanzi kimiċi fil-ġugarelli (sottogrupp Sustanzi Kimiċi) huwa li jipprovdi parir lill-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli fir-rigward tas-sustanzi kimiċi li jistgħu jintużaw fil-ġugarelli.

(7) Fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Settembru 2017, is-sottogrupp Sustanzi Kimiċi qies li l-limiti ta' migrazzjoni proposti mix-SCHEER kienu xierqa.

(8) Id-*data* dwar is-sorveljanza tas-suq dwar l-aluminju fil-ġugarelli ([10]) ([11]) ([12]) ([13]) minn madwar 5 800 test uriet konformità mal-limiti ta' migrazzjoni proposti fi kważi l-każijiet kollha. Id-*data* mill-manifatturi ta' strumenti tal-kitba dwar madwar 250 kampjun ([14]) issuġġeriet li parti sostanzjali tal-materjali tal-kitba diġà hija konformi ma' dawk il-limiti.

(9) Fil-laqgħa tiegħu tad-19 ta' Diċembru 2017, il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli qabel li l-limiti ta' migrazzjoni għall-aluminju jenħtieġ li jiġu emendati kif propost.

(10) Fid-dawl tal-evidenza xjentifika disponibbli, tal-opinjoni tax-SCHEER, id-*data* pprovduta mill-Istati Membri u mill-industrija tal-materjali tal-kitba u tar-rakkomandazzjonijiet mill-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli mis-sottogrupp tiegħu Sustanzi Kimiċi, huwa meħtieġ li jiġu adattati l-limiti ta' migrazzjoni attwali għall-aluminju mill-ġugarelli jew mill-komponenti tal-ġugarelli għall-iżviluppi tekniċi u xjentifiċi billi jiġu sostitwiti bil-limiti ta' migrazzjoni proposti.

(11) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2009/48/KE tiġi emendata skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli,

---

([7]) ĠU C 282, 10.8.2018, p. 3.

([8]) Ara t-Tabella E.5 fi EN 71-3:2013+A3:2018.

([9]) Ara r-Reġistru tal-Gruppi ta' Esperti tal-Kummissjoni, il-Grupp ta' Esperti dwar is-Sikurezza tal-Ġugarelli (E01360). http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetail&groupID=1360

([10]) Nederlandse Voedsel- en Warenautoriteit, Geverfd houten speelgoed 2016. (L-Awtorità Olandiża tal-Ikel u tal-Prodotti, Ġugarelli tal-injam miżbugħin 2016). https://www.inspectieresultaten.nvwa.nl/productonderzoek/geverfd-houten-speelgoed-0

([11]) Il-Laboratorju tad-Dwana Finlandiż, Id-*data* dwar is-sorveljanza tas-suq mill-Finlandja għall-aluminju. Sottomissjoni lis-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" bħala EXP/WG/2017/039 fis-segwitu għal-laqgħa tas-26 ta' Settembru 2017.

([12]) Riżultati tas-sorveljanza tas-suq fi Franza. Sottomissjoni lis-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" bħala segwitu għal-laqgħa tas-26 ta' Settembru 2017.

([13]) Riżultati tas-sorveljanza tas-suq fl-Awstrija. Sottomissjoni lis-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" bħala segwitu għal-laqgħa tas-26 ta' Settembru 2017.

([14]) *Data* pprovduta mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Kitba (EWIMA). Sottomissjoni lis-sottogrupp "Sustanzi Kimiċi" bħala segwitu għal-laqgħa tas-26 ta' Settembru 2017.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fil-punt 13 tal-Parti III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/48/KE, fit-tabella, l-entrata għall-aluminju hija sostitwita b'dan li ġej:

Element	mg/kg f'materjal tal-ġugarelli niexef, fraġli, flessibbli jew f'ghamla ta' trab	mg/kg f'materjal tal-ġugarelli likwidu jew li jwaħħal	mg/kg f'materjal tal-ġugarelli li jkun inbarax minn fuqu
"Aluminju	2 250	560	28 130"

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mid-19 ta' Mejju 2021, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amminstrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-20 ta' Mejju 2021.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1923

tat-18 ta' Novembru 2019

dwar l-istandards armonizzati għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2016/424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), is-subsistemi u l-komponenti tas-sikurezza għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ li huma konformi mal-istandards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, iridu jkunu preżunti bħala konformi mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament koperti minn dawk l-istandards jew minn partijiet minnhom.

(2) Bl-ittra M/300 tal-15 ta' Frar 2000, il-Kummissjoni għamlet talba lis-CEN, lis-CENELEC u lill-ETSI biex jabbozzaw standards għall-komponenti tas-sikurezza tal-installazzjonijiet maħsuba biex iġorru l-persuni b'appoġġ għad-Direttiva 2000/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Dik id-Direttiva ġiet sostitwita bir-Regolament (UE) 2016/424 mingħajr ma saru emendi għar-rekwiżiti essenzjali tas-sikurezza.

(3) Abbażi tat-talba M/300, is-CEN abbozza diversi standards armonizzati relatati mar-rekwiżiti tas-sikurezza għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ iddisinjati għall-ġarr tal-persuni. B'mod partikolari, is-CEN abbozza EN 17064:2018 u l-istandards riveduti EN 1709:2004, EN 12927-1:2004, EN 12927-3:2004, EN 12927-4:2004, EN 12927-5:2004 u EN 12927-8:2004, li jibdilhom bl-istandards EN 1709:2019 u EN 12927:2019.

(4) Il-Kummissjoni u s-CEN ivvalutaw jekk l-istandards EN 17064:2018, EN 1709:2019 u EN 12927:2019 abbozzati mis-CEN jikkonformawx mal-mandat M/300.

(5) L-istandards EN 17064:2018, EN 1709:2019 u EN 12927:2019 jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2016/424. Għaldaqstant jixraq li jiġu ppubblikati r-referenzi għal dawk l-istandards f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) L-istandard EN 1709:2019 jieħu post l-istandard EN 1709:2004, u l-istandard EN 12927:2019 jieħu post l-istandards EN 12927-1:2004, EN 12927-3:2004, EN 12927-4:2004, EN 12927-5:2004 u EN 12927-8:2004. Għaldaqstant jeħtieġ li r-referenzi għal dawk l-istandards jiġu rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Biex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw għall-applikazzjoni tal-istandards EN 1709:2019 u EN 12927:2019, hu meħtieġ li jiġi pospost l-irtirar tar-referenzi tal-istandards sostitwiti.

(7) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' dan l-istandard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk din id-Deċiżjoni jenħtieġ tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.
([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/424 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular u li jħassar id-Direttiva 2000/9/KE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 1).
([3]) Id-Direttiva 2000/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 dwar l-installazzjonijiet tal-funikular iddisinjati għat-trasport ta' persuni (ĠU L 106, 3.5.2000, p. 21).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva (UE) 2016/424 elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 2

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/424 elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan irtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sa mid-dati stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Novembru 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Nru	Referenza tal-istandard
1.	**EN 17064:2018** Rekwiżiti ta' sigurtà għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ maħsuba għall-ġarr tal-persuni — Prevenzjoni u ġlieda kontra n-nar *Avviż*: Ir-referenzi normattivi msemmija fil-punt 2 tal-istandard armonizzat **EN 17064:2018** għandhom jinqraw bħala EN 1021-1:2014, EN 1021-2:2014, EN 1838:2013, EN 1907:2017, EN 12929-1:2015, EN 13243:2015, EN 13501-1:2007+A1:2009, EN 50172:2004, EN 50272-1:2010, EN 50272-2:2001, EN 60204-1:2006, EN 60695-11-10:2013, EN 61730-1:2007, EN 61730-2:2007, EN ISO 7010:2012, EN ISO 8528-13:2016
2.	**EN 1709:2019** Rekwiżiti tas-sikurezza għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ maħsuba għall-ġarr tal-persuni — Spezzjoni tal-prikummissjonar u struzzjonijiet għall-manutenzjoni u għal spezzjonijiet u kontrolli operazzjonali *Avviż*: Ir-referenzi normattivi msemmija fil-punt 2 tal-istandard armonizzat **EN 1709:2019** għandhom jinqraw bħala EN 1907:2017, EN 1908:2015, EN 1909:2017, EN 12397:2017, EN 12408:2004, EN 12927:2019, EN 12929:2015 (kull parti), EN 12930:2015, EN 13107:2015, EN 13223:2015, EN 13243:2015, EN 13796:2017 (kull parti)
3.	**EN 12927:2019** Rekwiżiti tas-sikurezza għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ maħsuba għall-ġarr tal-persuni —Ħbula *Avviż*: Ir-referenzi normattivi msemmija fil-punt 2 tal-istandard armonizzat **EN 12927:2019** għandhom jinqraw bħala EN 1559-2:2014, EN 1709:2019, EN 1907:2017, EN 1908:2015, EN 1909:2017, EN 10228-1:2016, EN 12385-2:2002+A1:2008, EN 12385-4:2002+A1:2008, EN 12385-8:2002, EN 12385-9:2002, EN 12397:2017, EN 12408:2004, EN 12929-1:2015, EN 12929-2:2015, EN 12930:2015, EN 13107:2015, EN 13223:2015, EN 13243:2015, EN 13411-2:2001+A1:2008, EN 13411-3:2004+A1:2008, EN 13411-4:2002+A1:2008, EN 13411-5:2003+A1:2008, EN 13411-6:2004 +A1:2008, EN 13411-7:2006+A1:2008, EN 13796-1:2017, EN 13796-2:2017, EN 13796-3:2017, EN ISO 148-1:2016, EN ISO 5579:2013, EN ISO 9554:2019, EN ISO 10547:2009

ANNESS II

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
1.	**EN 1709:2004** Rekwiżiti tas-sikurezza għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ maħsuba għall-ġarr tal-persuni — Spezzjoni tal-prikummissjonar, manutenzjoni, u spezzjonijiet u kontrolli operazzjonali	It-30 ta' April 2021
2.	**EN 12927-1:2004** Rekwiżiti tas-sikurezza għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ maħsuba għall-ġarr tal-persuni — Ħbula — Parti 1: Kriterji tal-għażla għall-ħbula u għall-apparati tat-truf tagħhom	It-30 ta' April 2021
3.	**EN 12927-3:2004** Rekwiżiti tas-sikurezza għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ maħsuba għall-ġarr tal-persuni — Ħbula — Parti 3: Iċċumbar fit-tul ta' ħbula b'sitt itruf għall-ġbid, għall-ġbid tal-ġarr, u għall-irmonk	It-30 ta' April 2021
4.	**EN 12927-4:2004** Rekwiżiti tas-sikurezza għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ maħsuba għall-ġarr tal-persuni — Ħbula — Parti 4: Apparati tat-truf	It-30 ta' April 2021
5.	**EN 12927-5:2004** Rekwiżiti tas-sikurezza għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ maħsuba għall-ġarr tal-persuni — Ħbula — Parti 5: Ħżin, ġarr, installazzjoni u ġbid għall-kontroll tat-tensjoni	It-30 ta' April 2021
6.	**EN 12927-8:2004** Rekwiżiti tas-sikurezza għall-installazzjonijiet tar-rotot b'kablaġġ maħsuba għall-ġarr tal-persuni — Ħbula — Parti 8: Ittestjar tal-ħbula manjetiċi (MRT)	It-30 ta' April 2021

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/1870 tas-7 ta' Novembru 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi ta' aċidu eruċiku u ċjanur tal-idroġenu f'ċerti oġġetti tal-ikel

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 289 tat-8 ta' Novembru 2019)

Anness I u II huma sostitwiti b'dan li ġej:

"ANNESS I

Fit-Taqsima 8 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, l-entrata 8.1 hija sostitwita b'dan li ġej:

Oġġetti tal-Ikel ([1])		Livell massimu (g/kg)
'8.1.	**Aċidu eruċiku, inkluż aċidu eruċiku magħqud fix-xaħam**	
8.1.1.	Żjut u xaħmijiet veġetali mqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali jew għall-użu bħala ingredjent fl-ikel bl-eċċezzjoni taż-żejt tal-camelina, taż-żejt tal-mustarda u taż-żejt tal-fidloqqom	20,0
8.1.2.	Żejt tal-camelina, żejt tal-mustarda (*) u żejt tal-fidloqqom	50,0
8.1.3.	Mustarda (kondiment	35,0'

(*) Bl-aċċettazzjoni mill-awtorità kompetenti, il-livell massimu ma japplikax għaż-żejt tal-mustarda prodott u kkunsmat lokalment.

ANNESS II

Fit-Taqsima 8 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, l-entrata 8.3 hija sostitwita b'dan li ġej:

Oġġetti tal-Ikel ([1])		Livell massimu (mg/kg)
'8.3.	**Ċjanur tal-idroġenu, inkluż ċjanur tal-idroġenu magħqud fi glikosidi ċjanoġeniċi**	
8.3.1.	Lewż tal-berquq mhux ipproċessat sħiħ, mitħun, ikkrekkjat u mqatta', imqiegħed fis-suq għall-konsumatur finali ([54]) ([55])	20,0

([54]) 'Prodotti mhux proċessati' kif definita fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).

([55]) 'Tqegħid fis-suq' u 'konsumatur finali' kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1)'."

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT